MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2011

Rikors Numru. 311/2010

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 861/07 fl-ismijiet - Kenneth William Donaldson (ID 24624A) fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Health Managers (UK) Limited (NI053355)**

***kontra***

**Nita Gavin (ID 16602L)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Nita Gavin ("ir-rikorrenti") presentat fid-29 ta` Marzu 2010 li jaqra hekk –

*Illi l-intimat proprio et nomine intavola mandat ta` qbid kawtelatorju kontra l-esponenti quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Gunju 2007.*

*Illi dan il-mandat ta' sekwestru ma giex segwit bl-ebda kawza.*

*Illi fil-fatt din il-Qorti stess laqghet it-talba tal-esponenti ghall-hrug tal-kontromandat opportun a bazi tal-fatt illi ma kenitx giet intavolata kawza fit-terminu li tippreskrivi l-ligi.*

*Illi l-esponenti sofriet danni bhala risultat li kienet b`mandat ta` qbid inutilment.*

*Illi ghalkemm kemm dam fis-sehh il-mandat ta` qbid l-esponenti ma setghetx tuza l-vettura taghha.*

*Illi l-mandat ta` qbid kien frivolu u vessatorju u intiz biss sabiex l-esponenti forsi taqta' qalba milli tkompli bil-kawza li hija ghaddejja kontra l-intimat Donaldson.*

*Ghaldaqstant l-esponent titlob lil din l-Onorabbli Qorti li ai termini tal-Artikolu 836(8)(a) tal-Kap.12 tikkundanna lill-intimat proprio et nomine jhallasha l-penali kontemplata fl-istess artikolu.*

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Marzu 2010 fejn ordnat in-notifika tal-atti tar-rikorrenti lil Kenneth William Donaldson noe ("l-kumpannija intimata") b'terminu ta' ghaxart ijiem biex iwiegeb u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-20 ta` April 2010 fid-9.30 a.m.
.

Rat ir-risposta tal-kumpannija intimata presentata fl-10 ta` Mejju 2010 li taqra hekk –

*1. Illi in linea preliminarja, in-notifika tar-rikors promotur hija nulla, stante li s-socjeta` esponenti hija*

*socjeta` estera u konsegwentement japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap.443 tal-Ligijiet ta` Malta u mhux id-disposizzjonijiet tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandu jinghad li l-mandat ta` qbid de quo bl-ebda mod ma kien wiehed frivolu u vessatorju stante li l-partijiet kienu qed jipprovaw jittransigu l-pendenza ta` bejniethom minghajr ma jinizzjaw proceduri gudizzjarji ulterjuri inutilment ;*

*3. Illi t-talba ghad-danni hekk kif kontenuta fir-rikors mhix fondata stante illi ma kien hemm l-ebda danni sofferti minn Nita Gavin ;*

*4. Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*B`riserva ta` rissposta ulterjuri jekk kif permess mil-ligi jekk ikun hemm il-htiega.*

Semghet ix-xhieda ta` Nita Gavin fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2011 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera.*

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-ewwel eccezzjoni preliminari mhix sostenibbli. Ghall-procedura tal-lum, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta. Din il-Qorti gharblet dak li jipprovdi l-Kap.443 tal-Ligijiet ta` Malta u ssib li mhux applikabbli ghall-kaz tal-lum. Kenneth William Donaldson huwa citat fil-procedura tal-lum mhux fil-kwalita` personali tieghu izda bhala direttur li jirrapprezenta l-kumpannija intimata. Mhux kontestat li Kenneth William Donaldson huwa direttur tal-

kumpannija intimata u li ghandu r-rapprezentanza legali taghha. Huwa ghal kollox irrilevanti li l-kumpannija intimata tista` tkun socjeta` estera ladarba l-istess Donaldson kien notifikat gewwa Malta bl-att promotorju ta` din il-procedura (u anke bl-avviz tar-riappuntament) fil-kwalita` tieghu ta` rapprezentant legali tal-kumpannija intimata. Ghalhekk ma jistax jigi nvokat il-Kap.443 ghall-kaz tal-lum.

In kwantu ghall-mertu, din il-Qorti tghid li dik tal-lum mhix procedura intiza sabiex ikun hemm revoka ta' mandat kawtelatorju. Infatti r-rikorrenti tghid fil-pront (<u>u dwar dan mhix kontestata</u>) li l-Mandat ta' Qbid Nru.861/07 in kwistjoni kien tnehha effett ta` kontromandat bhala konsegwenza tal-fatt li l-presentata tal-mandat mill-kumpannija intimata ma kenitx segwita minn kawza kif tghid il-ligi. Il-fatt li sar dan il-kontromandat lanqas ma huwa kontestat mill-kumpannija intimata ghalkemm kopja legali tal-istess mhix esebita in atti.

Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma` x-xhieda ta` Nita Gavin. <u>Fil-qosor</u> hija tghid li l-mandat de quo holoq inkonvenjent fil-konfront taghha ghaliex kienet privata mill-uzu tal-karozza taghha ghal tliet xhur shah wara li dik il-vettura kienet kolpita bil-mandat de quo u mqeghda fil-kustodja ta` konsenjatarju. Kienet tehtieg l-uzu tal-vettura, apparti li ghaliha stess, ghall-uzu ta` bintha. L-esekuzzjoni tal-mandat ma ppermettiex li setghet taghmel uzu mill-vettura u ghalhekk kellha tirrikorri ghall-kortesija ta` terzi li pprovdewha huma b`vettura alternattiva propju ghaliex ma kellhiex hi vettura ohra taghha li setghet taghmel uzu minnha.

Nita Gavin mhix kontradetta f`dak li tistqarr u l-atti li esebiet mar-rikors promotorju *in parte* jaghtuha ragun.

Issa din il-Qorti tghid li jekk il-kumpannija intimata, kif tghid fit-tieni paragrafu tar-risposta taghha, tassew

riedet li jkun hemm tentattiv ta’ ftehim ta` transazzjoni dwar kwistjonijiet li kellha mar-rikorrenti, allura l-kumpannija intimata ma kellhiex tipprezenta l-mandat kawtelatorju izda kellha tfittex toroq ohra.

Il-penali li r-rikorrenti qeghda titlob minn din il-Qorti li timponi fil-konfront tal-kumpannija intimata hija sanzjoni fakoltattiva fejn irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi biex tali sanzjoni tigi mposta.

Issa r-rikorrenti qeghda tghid li din il-Qorti ghandha tinfliggi <u>penali</u> fuq il-kumpannija intimata abbazi ta` l-<u>Art.836(8)(a) tal-Kap.12.</u>

Din il-Qorti ezaminat din id-disposizzjoni u tghid illi ma tqisx bhala “*ragunijiet validi*” dawk moghtija mill-kumpannija intimata sabiex tiggustifika ruhha ghala ma ppresentatx il-kawza fit-terminu stabbilit mil-ligi wara l-presentata tal-mandat kawtelatorju.

L-Art. 836(8) jaghti lill-Qorti diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkun presentat l-att kawtelatorju a favur tal-persuna li kontriha jkun gie presentat l-att f’numru specifikat ta’ kazi li huma ndikati minn paragrafu (a) sa (d) tal-Art. 836(8).

Huwa evidenti li l-kaz mertu ta’ din il-procedura jaqa’ taht is-subinciz (a) u waara li din il-Qorti hadet kull aspett in konmssiderazzjoni tghid li hija tal-fehma li hemm lok li tikkundanna lill-kumpannija intimata sabiex thallas penali lir-rikorrenti. Tghid dan ghaliex bhala principju tad-dritt, din il-Qorti ma tridx tippermetti li jigi prezentat mandat kawtelatorju intiz bhala tentattiv li jdghajjef il-posizzjoni tal-parti avversa - mhux b’azzjoni legali mahsuba u *ben* misurata, izda bil-presentata ta’ att kawtelatorju intiz sabiex jipprova johloq inkonvenjent jekk mhux addirittura

hsara. Bhala fatt fil-kaz tal-lum ma rrizultax telf fi flus da parti tar-rikorrenti *ma che umiliazione da parte* taghha li kellha tkun kostretta toqghod iddur `l hemm u `l hawn sabiex issib kif ikollha mezz ta` trasport ghall-bzonnijiet taghha izda l-aktar ta` bintha minuri.

Din il-Qorti tghid li l-iskop ta' att kawtelatorju fl-ordinament guridiku taghna li huwa fondat *on the rule of law* huwa intiz sabiex ihares il-kreditu f'kaz ta' decizjoni favorevoli ghall-kreditur - skond l-Art 829 tal-Kap. 12 "*sabiex iqieghed fiz-zgur il-jeddijiet tal-kreditur*". Izda mhuwiex intiz sabiex ikun mezz fejn issir pressjoni indebita kontra d-debitur sabiex iggieghlu jaccetta t-termini tal-kreditur meta dan ghadu mhux hekk kanonizzat b'decizjoni tal-Qorti.

Ghal din il-Qorti ma hemmx skuza ghal persuna li tipprezenta mandat kawtelatorju u ma ssegwix dak l-att b'kawza anke sabiex b'hekk dak l-att kawtelatorju jibqa` fis-sehh.

Meta jigri hekk, dak l-att kawtelatorju jsir frivolu u vessatorju kif gara fil-kaz tal-lum bil-konsegwenza li min ikun talab il-hrug tal-att ghandu jinkorri penali. Kien proprju ghalhekk li saru l-emendi ghall-Kap.12 fl-1995 u dan sabiex ma jigux presentati mandati kawtelatorji meta ma jezistux l-elementi guridici li jiggustifikawhom. Ghalhekk fil-kaz in esami, din il-Qorti sejra timponi penali skond il-ligi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tirrespingi r-ragunijiet moghtija fir-risposta tal-kumpannija intimata, tikkundanna lill-istess kumpannija intimata Health Managers (UK) Limited (NI053355) sabiex thallas lir-rikorrenti penali fl-ammont ta` elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) bl-imghax legali b`effett**

**mil-lum. L-istess kumpannija intimata ghandha thallas ukoll l-ispejjez kollha ta` din il-procedura.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------